**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 49/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Warren Galea)**

**Vs**

**Owen Abdilla**
**Paul Abdilla**

**Illum 22 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Owen Abdilla**, iben Paul u Mary neè Aquilina, imwieled il-Pietà fl-14 ta' Diċembru 2001, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 488501(L), u ta' **Paul Abdilla**, iben Paul u Angela neè Mizzi, imwieled Birkirkara fil-21 ta' Frar 1957, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 147657(M), **flimkien**, talli nhar il-Ħadd 2 ta' Jannar 2022, għall-ħabta ta' 13:30hrs, ġewwa l-Aħrax, Limiti tal-Mellieħa:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Noel Fabri, imwieled fil-25 ta' Diċembru 1974 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 32775(M), u dan skond kif ġie ċċertifikat minn Dr. Claude Borg, Med. Reg. No. 4554, mill-Polyclinic tal-Mosta;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Owen Abdilla wa****ħ****du**, talli:

2. Saq il-vettura ta' l-għamla Toyota Corsa bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;

3. Kif ukoll talli saq il-vettura ta' l-għamla Toyota Corsa bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti, f'każ ta' ħtija tikkonsidra lil **Paul Abdilla** bħala reċidiv b'sentenzi tal-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu u dan ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex il-

Qorti, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna lil **Owen Abdilla u** lil **Paul Abdilla**, jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 18 tal-proċess;

Rat illi l-imputati entrambe ddikjaraw li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom[1];

Semgħet ix-xhieda ta' Joanne Bellia mogħtija waqt is-seduti ta' l-24 ta' Marzu 2022[2] u tal-11 ta' April 2022[3] u rat ir-ritratti esebiti minnha markati Dok. "JB1" sa' Dok. "JB5" a fol. 57 sa' 61 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Noel Fabri[4], PS1194 Christopher Debrincat[5] u ta' PC927 Joseph Camilleri[6], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Marzu 2022, semgħet ix-xhieda ta' PS419 Anton Buttigieg[7], ta' l-Ispettur George Frendo[8], u ta' Dr. Claude Borg[9], mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn PS419 Anton Buttigieg markati Dok. "AB" u Dok. "AB1" a fol. 65 sa' 76 tal-proċess u d-dokumenti esebiti mill-Ispettur George Frendo markati Dok. "GF1" sa' Dok. "GF8" a fol. 81 sa' 101 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri, in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' April 2022[10] u tat-2 ta' Ġunju 2022[11] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "TM" a fol. 103 u 104 tal-proċess u Dok. "TM1" u Dok. "TM2" a fol. 134 sa' 144 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia[12], in rappreżentanza ta' Transport Malta, u ta' Stephania Calafato Testa[13], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2022 u rat id-dokument esebit minn Stephen Cachia markat Dok. "SC" a fol. 114 sa' 117 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Stephania Calafato Testa markati Dok. "SCT1" u Dok. "SCT2" a fol. 121 sa' 128 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Jacob Vella[14] u ta' Dr. Ayman Syed[15], mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022 u rat id-dokument esebit minn Dr. Jacob Vella markat Dok. "JV" a fol. 155 tal-proċess u d-dokument esebit minn Dr. Ayman Syed markat Dok. "AS" a fol. 158 tal-proċess, u semgħet ix-xhieda ta' PC125 Tristan Azzopardi mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Awwissu 2022[16];

Rat li waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2022, Mary Abdilla, omm l-imputat Owen Abdilla u mart l-imputat Paul Abdilla, għażlet li ma tixhidx kontrihom f'dawn il-proċeduri[17];
Rat li permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 7 ta' Settembru 2022[18], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-**imputati <u>flimkien</u>** sabiex jiġu ġudikati mill-Qorti tal-Maġistrati

---

[1] Fol. 24 u 25 tal-proċess.
[2] Fol. 25 sa' 30 tal-proċess.
[3] Fol. 55 u 56 tal-proċess.
[4] Fol. 31 sa' 39 tal-proċess.
[5] Fol. 40 sa' 48 tal-proċess.
[6] Fol. 49 sa' 52 tal-proċess.
[7] Fol. 62 sa' 64 tal-proċess.
[8] Fol. 77 sa' 80 tal-proċess.
[9] Fol. 105 sa' 107 tal-proċess.
[10] Fol. 102 tal-proċess.
[11] Fol. 133 tal-proċess.
[12] Fol. 112 u 113 tal-proċess.
[13] Fol. 118 sa' 120 tal-proċess.
[14] Fol. 152 sa' 154 tal-proċess.
[15] Fol. 156 u 157 tal-proċess.
[16] Fol. 160 u 161 tal-proċess.
[17] Fol. 145 tal-proċess.
[18] Fol. 164 tal-proċess.

(Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 215 u 216(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U lill-**imputat Owen Abdilla <u>waħdu</u>** sabiex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

U lill-**imputat Paul Abdilla <u>waħdu</u>** sabiex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fis-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022[19], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex iktar provi xi tressaq, l-imputati ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja; inqraw l-Artikoli;

Rat li fis-seduta ta' l-14 ta' Frar 2023[20], Dr. Shaun Zammit għal Noel Fabri ddikjara li l-istess Noel Fabri *qua* vittma f'dawn il-proċeduri, jirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli;

Rat li d-Difiża ddikjarat li fid-dawl ta' tali dikjarazzjoni da parte ta' Noel Fabri, l-imputati ma għandhomx provi x'jressqu u għażlu li ma jixhdux f'dawn il-proċeduri;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati **flimkien** qed jiġu mixlija talli nhar il-Ħadd 2 ta' Jannar 2022, għall-ħabta ta' 13:30hrs, ġewwa l-Aħrax, limiti tal-Mellieħa: (1) mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Noel Fabri, imwieled fil-25 ta' Diċembru 1974 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 32775(M), u dan skond kif ġie ċċertifikat minn Dr. Claude Borg, Med. Reg. No. 4554, mill-Polyclinic tal-Mosta. L-imputat **Owen Abdilla waħdu** qed jiġi mixli talli: (2) saq il-vettura ta' l-għamla Toyota Corsa bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan; (3) kif ukoll talli saq il-vettura ta' l-għamla Toyota Corsa bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni. Il-Prosekuzzjoni in oltre titlob

---

[19] Fol. 166 tal-proċess.
[20] Fol. 171 tal-proċess.

li l-Qorti titratta ma' l-imputat **Paul Abdilla waħdu** bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Entrambe l-imputati wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħhom.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 7 ta' Settembru 2022[21], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-**imputati <u>flimkien</u>** sabiex jiġu ġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikoli 214, 215 u 216(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Lill-**imputat Owen Abdilla <u>waħdu</u>** sabiex jiġi ġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;

U lill-**imputat Paul Abdilla <u>waħdu</u>** sabiex jiġi ġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

- Fl-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

Mill-provi prodotti jirriżulta li nhar it-2 ta' Jannar 2022 għall-ħabta tas-1:30p.m., inqala' argument bejn l-imputati, li kienu f'vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215, u Noel Fabri, li kien f'vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni ACB-484, ġewwa l-Aħrax tal-Mellieħa. Dan l-argument essenzjalment inqala' meta l-vetturi spiċċaw kontra xulxin, bl-imputati ħarġin mill-Aħrax u Noel Fabri dieħel l-Aħrax, bl-ebda wieħed minnhom ma jrid iċedi lill-ieħor. Kif kienu f'din is-sitwazzjoni ntqal xi diskors bejniethom u imbagħad kemm l-imputati kif ukoll Noel Fabri ħarġu mill-vetturi rispettivi tagħhom u seħħet kolluttazzjoni bejniethom, bl-imputati jsofru brix u daqqiet superfiċjali[22], filwaqt li Noel Fabri sofra ġrieħi f'rasu tant illi kellu bżonn il-ponti[23].

Fir-rigward **Joanne Bellia**[24], is-sieħba ta' Noel Fabri u li kienet miegħu dakinhar ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, xehdet illi *fit-2 ta' Jannar tas-sena 2022 f'xi is-1:30p.m. Morna xtrajna pizza u biex ma nikluhiex ħdejn in-nies erġajna soqna biex ngħaddu t-triq ta' l-Armier id-dritta, kien hemm ħafna traffiku u stennejna għax it-triq mhux daqshekk wiesgħa biex nitilgħu u ninżlu żewġ karozzi u għamilna xi naħseb 10 minuti weqfin u x'ħin kien imissna aħna, ġiet karozza min-naħa l-oħra* - li fiha kien hemm l-imputati flimkien ma' mara - *on the other side u tipo l-partner tiegħi qallu* - lill-imputat Owen Abdilla - *"Ma stajtx stennejt ilna kważi kwarta nistennew?" u nqala'*

[21] Fol. 164 tal-proċess.
[22] Dok. "JV" a fol. 155 tal-proċess u x-xhieda ta' Dr. Jacob Vella mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 152 sa' 154 tal-proċess, u Dok. "AS" a fol. 158 tal-proċess u x-xhieda ta' Dr. Ayman Syed mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 156 u 157 tal-proċess.
[23] Dok. "JF1" a fol. 81 tal-proċess u x-xhieda ta' Dr. Claude Borg mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2022, fol. 105 sa' 107 tal-proċess.
[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Marzu 2022, fol. 25 sa' 30 tal-proċess.

*l-argument. Il-partner tiegħi qallu biex jirriversja lill-ieħor, l-ieħor qallu "le" imbagħad l-ieħor qallu "mhux hekk nagħmlu, ejja nibdlu s-sides u niġi bil-one way" u tiegħi qallu "le, ejja ħa naralek". ... u niżel biex jaralu u l-ewwel li ħareġ ix-xiħ* - ossia l-imputat Paul Abdilla. ... *all of a sudden, jiena ma stajtx noħroġ lanqas mill-karozza għax il-karozza tant kienet ipparkjata mat-triq eżatt biex forsi ngħaddu ... ma stajtx niftaħha u daru għalih. Dik kulma bdejt nara. Daru għalih, it-tifel kellu xi ħaġa f'idu, tgħidlix x'kienet sinċerament u bdew jagħtuh ġo rasu. ... Imbagħad niżlu l-omm u t-tifel* - l-imputat Owen Abdilla, *ix-xih* - l-imputat Paul Abdilla - *u x-xiħa żammewh lil Noel u l-ieħor* - l-imputat Owen Abdilla - *beda jagħtih ġo rasu. ... Jien għalija kellu ġebla f'idu u beda jagħtih ġo rasu. Imbagħad irnexxieli noħroġ nibki u ngħajjat biex joħorġu n-nies biex iżommuhom.* Joanne Bellia iddikjarat li l-imputat Owen Abdilla kien qed jagħti lil Noel Fabri minn wara u li tah madwar erba' jew ħames daqqiet f'rasu. Fis-seduta tal-11 ta' April 2022[25], hija ppreżentat serie ta' ritratti li juru l-ġrieħi sofferti minn Noel Fabri - Dok. "JB1" sa' Dok. "JB5" a fol. 57 sa' 61 tal-proċess.

**Noel Fabri**[26] da parte tiegħu xehed illi dakinhar hu u Joanne Bellia xtraw *take away normali għax dak iż-żmien konna bil-Covid u hekk u konna deħlin lejn il-kappella ta' l-Aħrax, l-aħħar waħda biex tifhimni u dan taf inti, il-ħin kollu bil-karozzi u dan iċċedi, iċedulek, iċċedi u jċedulek insomma. Jiena kont wieqaf u kien hemm karozza oħra warajja u dan* - l-imputat Owen Abdilla - *baqa' ġej għax jiġifieri minn fejn kien fejn inqalgħu l-karozzi fejn kienu huma, kienu qegħdin lura għax it-triq taf kif inhi hemmhekk, tidħol biċċa, iċċedi biċċa u jgħaddi l-ieħor. ... Dan baqa' ġej jiġifieri u hu hemmhekk, fejn kien hu, kellu fejn jersaq.* Noel Fabri qal li l-imputat Owen Abdilla kien *kważi f'nofs it-triq għaliex jiena waqaft mal-ġenb man-naħa tas-sejjieħ biex niftehmu, mhux man-naħa tas-siġar għax jiena kont dieħel il-ġewwa u hu kellu n-naħa fejn jitfa' l-barra. ... Hu* - l-imputat Owen Abdilla - *ġie quddiemi hekk ma kellix fejn immur iżjed jien u dan* - l-imputat Owen Abdilla - *qalli "reġġa' lura". ... F'ħin minnhom ma nafx x'qalli eżatt insomma, imbagħad niżel l-ieħor ta' ma' ġenbu* - l-imputat Paul Abdilla. *Tfiha hu l-karozza u jiena għidt meta tfiha u jiena tfejtha bħalu il-karozza. Ngħidlek il-verità kelli c-chips fuq id-dashboard u jien għitlu "mhux problema, nibqgħu hawn la ma tridx iċċedi". Kellu fejn jersaq metru żgur dan mal-ġenb. F'ħin minnhom niżel dan missieru* - l-imputat Paul Abdilla - ... *għidtlu "niżel għas-sodisfazzjoni?" u reġa' tela'.* Fabri ddikjara li hu wkoll niżel mill-vettura u f'dak il-ħin l-imputat Paul Abdilla ħareġ mill-vettura u mbuttah. Niżlu wkoll mill-vettura l-imputat Owen Abdilla u l-mara li kienet magħhom, u hemm żammewh u beda jaqla' daqqiet f'rasu. Skond Fabri id-daqqiet beda jagħtihomlu l-imputat Owen Abdilla tant illi dan kellu d-demm ma' idu.

L-**imputati** għażlu li ma jixhdux f'dawn il-proċeduri iżda fl-istqarrijiet rilaxxati lill-Pulizija entrambe allegaw li kien Noel Fabri li aggredihom l-ewwel, b'mod partikolari aggredixxa lill-imputat Paul Abdilla, u anke beda jagħti b'ħadida li kellu f'idu. L-imputat Owen Abdilla stqarr illi meta ra lil Noel Fabri jagredixxi lil missieru, huwa ħareġ mill-vettura biex iwaqqafu iżda Fabri dar għalih u hu tah lura biex jiddefendi lilu innfisu.

Fl-istqarrija[27] tiegħu l-**imputat Paul Abdilla** stqarr *nhar il-Ħadd* (2 ta' Jannar 2022) *jiena, il-mara Mary Abdilla u t-tifel Owen Abdilla konna ħerġin minn fejn il-Madonna ta' l-Aħrax tal-Mellieħa, u f'distanza qasira bejn is-siġar u t-triq, ġie ieħor minn faċċata b'vettura u waqaf u għidnilu biex isuq għax ma stajniex ngħaddu u dan ma riedx isuq.*

---

[25] Fol. 55 u 56 tal-proċess.
[26] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Marzu 2022, fol. 31 sa' 39 tal-proċess.
[27] Dok. "GF3" a fol. 83 u 84 tal-proċess, esebita mill-Ispettur George Frendo waqt is-seduta tal-11 ta' April 2022, fol. 77 sa' 80 tal-proċess.

*Dak il-ħin dan beda jgħajjat u jidgħi u joffendina, u jiena ħriġt biex nurih li ma nistgħux nersqu mal-ġenb għax ma kienx hemm fejn. Hu beda jgħajjat … u li mhux se jersaq għax kien imxebba jieqaf lill-vetturi oħra sa' x'ħin wasal hemm, fejn hu kien akkumpanjat minn persuna femminili li kienet miegħu. Wara li għidtlu, darba, darbtejn, fetaħ il-bieba u ġie sabiex iħebb għalija u tefani ma' l-art, qabeż fuqi jagħtini, imbagħad qomna, mar jiġri fejn il-vettura, ġab ħadida mill-bagoll, xejjirli biha u jiena lqajt b'idejja. Wara dan hu mar għat-tifel Owen u din il-persuna bdiet tagħti wkoll lit-tifel tiegħi fejn bdew jagħtu bl-idejn. Jiena mort biex nipprova inferraqhom iżda n-nies bdew iżommuni. Wara dan, reġa' ġie għalija biex jagħtini u reġa' ġie t-tifel tiegħi fejn komplew jagħtu hu u t-tifel tiegħi. Wara li ferrquna n-nies, qabad din il-ħadida u telaq jiġri jitfaħħa fil-karozza. Wara dan jiena imxejt naqra l-isfel.*

Fl-istqarrija[28] tiegħu l-imputat **Owen Abdilla** stqarr li dakinhar ta' l-inċident *jiena, ommi u missieri konna bil-karozza Toyota Tercel tiegħi fejn jiena kont qed insuq, fejn aħna konna ħerġin il-barra minn fejn il-Kappella ta' l-Aħrax tal-Mellieħa u lejna kienet ġejja vettura oħra. X'ħin fejn fid-djuq ma setgħux jgħaddu żewġ vetturi minn fejn xulxin, fejn għalhekk, il-vettura li kienet ġejja fid-direzzjoni opposta, ix-xufier beda jgħidli sabiex nirriversja jiena għaliex hu kien ilu jieqaf lil ħafna vetturi, fejn jien għedtlu sabiex jersaq ftit lura għaliex biex nersaq jiena lura kien hemm distanza. Missieri staqsieh jekk jistax jersaq lura fejn imbagħad qallu li le ma jridx u tefa' l-vettura. Wara dan missieri ħareġ biex jgħidlu lis-sewwieq l-ieħor biex jara li ma kienx hemm fejn nersqu fejn ġie hu, u beda jidgħi u joffendi lill-missieri … u ma jridx jirriversja lura. Imbagħad missieri reġa' daħal fil-karozza fejn reġgħu ħarġu u komplew jargumentaw fuq min ser jirriversja fejn f'ħin minnhom imbotta lil missieri fl-art u beda jagħtih f'wiċċu u missieri rajtu li beda jipprova jilqa'. F'dak il-ħin, in-nies bdew jisimgħu l-istorbju u ġew sabiex jaraw x'inhu jiġri. Ommi f'dak il-ħin niżlet mill-karozza u bdiet tipprova tferraqhom biex din il-persuna ma tibqax tagħti lil missieri. Wara dan, din il-persuna ressqet lura u smajtha tgħid li ser tmur iġġib il-ħadida mill-bagoll fejn ħareġ qisu pipe tal-powerwash u ġie u beda jxejjirha u lil missieri laqtu fejn għandu ferita ġo idu. In-nies bdew jippruvaw jferrquhom biex ma jibqax jolqot lil missieri. Dak il-ħin jiena ħriġt mill-karozza fejn ġie u beda jagħti lili b'idejh u jien bdejt niddefendi lil nnifsi billi tajtu lura ġo rasu u ġo wiċċu. Wara dan, din il-persuna reġgħet marret biex tagħti lil missieri fejn missieri f'dak il-mument kien qam bilwieqfa fejn imbagħad mort biex niddefendi lil missieri fejn in-nies bdew iferquhom. Imbagħad wara dan qalilna li kien ser isibna lilna.*

Wara li qieset bir-reqqa x-xhieda ta' Noel Fabri u Joanne Bellia u l-istqarrijiet taż-żewġ imputati, il-Qorti hija iktar propensa temmen lil Fabri u lil Bellia milli lill-imputati in kwantu tqis li l-verżjoni tal-fatti kif mogħtija mill-imsemmija Fabri u Bellia hija ferm iktar kredibbli u konvinċenti.

Jibda' biex jingħad li hemm sproporzjon notevoli bejn il-ġrieħi riportati mill-imputati u il-ġrieħi sofferti minn Noel Fabri. Filwaqt li l-imputat Owen Abdilla kellu *barxa u daqqa superfiċjali fuq in-naħa tal-lemin tal-wiċċ*[29] u l-imputat Paul Abdilla kellu *four superficial lacerations, one of 8 cm long, two of half a centimetre long and the last one of 1cm long* u *on his face, on his right cheek, zygomatic process, he had a small bump*

[28] Dok. "GF5" a fol. 86 sa' 88 tal-proċess, esebita mill-Ispettur George Frendo waqt is-seduta tal-11 ta' April 2022, fol. 77 sa' 80 tal-proċess.
[29] Vide xhieda ta' Dr. Jacob Vella mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 152 sa' 154 tal-proċess.

*with some swelling*[30], Noel Fabri kellu *qasma ta' madwar 2 to 3 centimetres, a laceration fuq il-parti ta' wara ta' rasu li fil-fatt kellu bżonn il-punti għalihom*[31].

Din id-diskrepanza bejn il-ġrieħi ta' l-imputati u l-ġrieħi ta' Noel Fabri turi li Fabri kien assoġġettat għal ferm iktar aggressività milli setgħu kienu assoġġettati l-imputati, aggressività din imwettqa fil-konfront tiegħu mill-istess imputati.

Apparte minhekk, l-allegazzjoni ta' l-imputati li Noel Fabri kellu ħadida w użaha kontrihom u tahom biha ma rriżultatx minimament sostanzjata mill-provi prodotti. Għad illi l-imputati stqarru li Fabri ħareġ din il-ħadida mill-vettura tiegħu u reġa' poġġiha hemm wara li użaha kontrihom, il-Pulizija li rrikorrew fuq il-post biex jikkalmaw l-argument bejn l-imputati u Noel Fabri, ossia PS1194 Christopher Debrincat u PC927 Joseph Camilleri, din il-ħadida ma sabuhiex. Entrambe l-imsemmija uffiċjali tal-Pulizija stqarrew li meta ġew infurmati li Fabri kellu ħadida li kienet fil-bagoll tal-vettura tieghu, huma fittxew fil-vettura iżda ma sabu l-ebda ħadida. PS1194 Christopher Debrincat stqarr ukoll li huwa ħares ftit madwar il-vetturi biex jara jarax xi ħadida iżda ma sab xejn.

Fid-dawl ta' dan għalhekk jirriżulta li fil-każ in eżami l-aggressjoni saret da parte ta' l-imputati a detriment ta' Noel Fabri li b'konsegwenza ta' hekk sofra ġrieħi f'rasu li kellhom jiġu suturati bil-ponti.

Mix-xhieda ta' Joanne Bellia u Noel Fabri u anke mill-istqarrija ta' l-imputat Owen Abdilla jirriżulta li dakinhar ta' l-inċident in kwistjoni, il-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215 kienet misjuqa mill-imsemmi imputat Owen Abdilla.

**Imputazzjonijiet:**

**L-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien:**

L-imputati flimkien qed jiġu mixlija talli nhar il-Ħadd 2 ta' Jannar 2022, għall-ħabta ta' 13:30hrs, ġewwa l-Aħrax, limiti tal-Mellieħa: (1) mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunaw feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Noel Fabri, imwieled fil-25 ta' Diċembru 1974 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 32775(M), u dan skond kif ġie ċċertifikat minn Dr. Claude Borg, Med. Reg. No. 4554, mill-Polyclinic tal-Mosta.

Bin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 7 ta' Settembru 2022[32], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputati flimkien biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 214, 215 u 216(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikoli 214 u 215 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdu li: *kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna* - Artikolu 214; *L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa* - Artikolu 215.

---

[30] Vide xhieda ta' Dr. Ayman Syed mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 156 u 157 tal-proċess.
[31] Vide xhieda ta' Dr. Claude Borg mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2022, fol. 105 sa' 107 tal-proċess.
[32] Fol. 164 tal-proċess.

Peress illi fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju l-Avukat Ġenerali ma indikax taħt liema waħda mill-istanzi msemmija fl-Artikolu 216(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jibgħat lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti, il-Qorti ser tittratta l-imsemmi artikolu fl-intier tiegħu għall-fini li tiddermina jekk il-ġrieħi sofferti minn Noel Fabri effettivament jammontawx għal ġrieħi ta' natura gravi.

L-Artikolu 216(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa' seba' snin - (1) jekk tista' ġġib periklu - (i) tal-hajja; jew (ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew (iii) ta' difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem; inkella (iv) ta' marda permanenti tal-moħħ; (b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn ta' l-offiż; (ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218; (d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu; (e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien.*

Meta l-fatti tal-każ in eżami, jew aħjar il-feriti riportati minn Noel Fabri, jiġu ikkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti tal-Liġi, jirriżulta ferm evidenti li l-ġrieħi sofferti minnu ma jistgħux jitqiesu li huma gravi taħt ebda waħda mill-istanzi imsemmija fl-Artikolu 216(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ingħad iktar 'l fuq il-ferita riportata minn Noel Fabri kienet tikkonsisti fi *2-3cm laceration over posterior parietal/occipital region of the head/scalp requiring sutures for closure (open wound)*[33]. Din il-ferita kienet fuq in-naħa ta' wara ta' rasu hekk kif jirriżulta mir-ritratti esebiti minn Joanne Bellia Dok. "JB1" u Dok. "JB2" a fol. 57 u 58 tal-proċess. B'hekk l-istanzi imsemmija fl-Artikolu 216(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fis-subparagrafi (b), (ċ) u (e) ċertament mhux applikabbli. In kwantu rigwarda l-istanzi l-oħra, ma tressqet assolutament l-ebda prova li turi lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-ferita riportata minn Noel Fabri setgħet iġġib periklu tal-ħajja jew ta' debbulizza permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem jew ta' marda permanenti tal-moħħ - Artikolu 216(1)(a), jew li ġabet marda tal-moħħ jew tal-ġisem li damet għal tletin ġurnata jew iżjed jew inkella għal daqshekk żmien li żammet lill-imsemmi Noel Fabri milli jmur għax-xogħol tiegħu - Artikolu 216(1)(d).

Għalkemm Dr. Claude Borg, it-Tabib li invista lil Noel Fabri, ikklassifika l-ġrieħi sofferti minnu bħala *grievious*, b'daqshekk ma jfissirx li din il-Qorti trid bil-fors u neċessarjament issib lill-imputati ħatja ta' offiża ta' natura gravi ai termini ta' l-Artikolu 216(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Minkejja dak iċċertifikat minn Dr. Claude Borg, il-Qorti trid u hija obbligata toqgħod fuq dak li jirriżulta mill-provi kollha prodotti tul is-smigħ tal-proċeduri. Fir-rigward issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi**, deċiża fit-30 ta' Lulju 2004, fejn ingħad *il-kwistjoni ta' jekk offiża hiex waħda ħafifa u ta' importanza żgħira, ħafifa, gravi jew gravissima hi waħda ta' fatt u għalhekk rimessa għall-ġudikant tal-fatt (fil-każ ta' ġuri, għalhekk, rimessa f'idejn il-ġurati; fil-każ odjern rimessa f'idejn il-ġudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, għalhekk, kwistjoni, li tiddependi neċessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bħala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistgħu*

[33] Dok. "GF1" a fol. 81 tal-proċess.

*joffru l-opinjoni tagħhom dwar, fost affarijiet oħra, kif setgħet ġiet ikkaġunata dik l-offiża, jew ma' xiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu ġew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbagħad għall-ġudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib iżda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiża.*

Jiġi ribadit li fil-każ in eżami, mill-provi prodotti ma jirriżultax, wisq inqas lil hinn minn kull dubju raġonevoli, li l-ġrieħi sofferti minn Noel Fabri in segwitu għall-aggressjoni da parte ta' l-imputati huma ta' natura gravi ai termini ta' xi waħda jew iktar mill-istanzi previsti fl-Artikolu 216(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax issib lill-imputati ħatja ta' reat ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi. Dan ma jfissirx però li l-ġrieħi riportati minn Noel Fabri għandhom jiġu injorati għal kollox daqslikieku ma' ġara assolutament xejn u hu ma sofrew l-ebda ferita. Fir-rigward issir referenza għall-Artikolu 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi: *l-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.* Fid-dawl ta' dak provdut fl-imsemmi provvediment tal-Liġi, jirriżulta għalhekk li l-feriti riportati minn Noel Fabri huma ta' natura ħafifa ai termini ta' l-Artikolu 221(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Raġġunta din il-konklużjoni l-Qorti neċessarjament trid tagħti kont għad-dikjarazzjoni magħmula mid-Difensur ta' Noel Fabri waqt is-seduta ta' l-14 ta' Frar 2023[34], ossia li Noel Fabri jirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront ta' l-imputati.

L-Artikolu 221(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minn barra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b).*

Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta ċar li in linea ġenerali, salv għall-każijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 222(1)(a) u (b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, provvedimenti dawn li ma jsibux applikazzjoni fil-każ in eżami, l-azzjoni kriminali għal offiża ta' natura ħafifa tista' tittieħed <u>biss</u> bil-kwerela tal-parti offiża, fil-każ odjern ta' Noel Fabri. L-Artikolu 545(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta a sua volta jipprovdi li *meta l-azzjoni ma tistax titmexxa ħlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', fkull żmien sa' ma tingħata s-sentenza finali, jirrinunzja għall-kwerela li huwa jkun ġia għamel.*

Fid-dawl ta' dan għalhekk u fid-dawl tar-rinunzja da parte ta' Noel Fabri, il-Qorti neċessarjament għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kwistjoni dwar ir-reita ta' l-imputati għall-offiża ta' natura ħafifa kawżata lil Noel Fabri.

**Addebitu tar-reċidiva fir-rigward ta' l-imputat Paul Abdilla:**

Din il-konklużjoni għandha konsegwenza wkoll fuq l-addebitu tar-reċidiva ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, essendo dan l-Artikolu tal-Liġi indikat mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, dedott fil-konfront ta' l-imputat Paul Abdilla.

[34] Fol. 171 tal-proċess.

L-Artikolu 49(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn Qorti barranija li tkun għddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

In segwitu għar-rinunzja da parte ta' Noel Fabri fejn il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni dwar ir-reita ta' l-imputati għall-offiża ta' natura ħafifa kawżata lil Noel Fabri, necessarjament isegwi li ma tistax tittratta l-addebitu tar-reċidiva dedott fil-konfront ta' Paul Abdilla, u għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni wkoll.

**L-imputazzjonijiet tnejn u tlieta dedotti fil-konfront ta' l-imputat Owen Abdilla waħdu:**

Jifdal għalhekk li jiġu trattati ż-żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat Owen Abdilla waħdu, ossia talli: (2) Saq il-vettura ta' l-għamla Toyota Corsa bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan; (3) Kif ukoll talli saq il-vettura ta' l-għamla Toyota Corsa bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni.

Mix-xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri in rappreżentanza ta' Transport Malta[35] u mid-dokument esebit minnu markat Dok. "TM1" a fol. 134 sa' 140 tal-proċess, irriżulta li l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215 hija Toyota Corsa bajda li fiż-żmien ta' l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, ossia fit-2 ta' Jannar 2022, kienet reġistrata f'isem Mary Abdilla, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 254762(M), li mill-atti proċesswali jirriżulta li hija omm l-imputat Owen Abdilla u l-persuna femminili li kien hemm fil-vettura flimkien miegħu u ma' Paul Abdilla dakinhar ta' l-inċident. Mill-istess imsemmi dokument Dok. "TM1", fol. 139 tal-proċess, jirriżulta li bejn il-15 ta' Novembru 2021 u l-31 ta' Ottubru 2022, u kwindi d-data ta' l-inċident in kwistjoni taqa' entro dan il-perijodu, il-vettura in kwistjoni kienet assigurata ma' Bonnici Insurance Agency Limited, b'Polza Nru. 9003p21456134. Mix-xhieda ta' l-istess Dr. Christopher Spiteri in rappreżentanza ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' April 2022[36], jirriżulta li sa' dakinhar tax-xhieda tiegħu Owen Abdilla, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 488501(L), ossia l-imputat f'dawn il-proċeduri, ma kellu l-ebda liċenzja tas-sewqan in vigore.

Kif osservat iktar 'l fuq, mill-provi prodotti jirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli li dakinhar tat-2 ta' Jannar 2022 kien fil-fatt l-imputat Owen Abdilla li kien qed isuq il-vettura ta' l-għamla Toyota Corsa bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215. Dan joħroġ ferm ċar kemm mix-xhieda ta' Joanne Bellia u ta' Noel Fabri, li kif ġia ngħad iktar 'l fuq, il-Qorti tqishom bħala xhieda ferm kredibbli u konvinċenti, **u** joħroġ ferm ċar ukoll mill-istqarrija ta' l-imputat Owen Abdilla fejn huwa ammetta mal-Pulizija li dakinhar ta' l-inċident kien qed isuq hu.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li għalkemm fl-istqarrija tiegħu l-imputat Owen Abdilla iddikjara li hu u l-ġenituri tiegħu kienu bil-vettura ta' l-għamla Toyota Tercel u mhux Toyota Corsa, mill-atti proċesswali, senjatament mir-rapport tal-Pulizija dwar il-każ[37], jirriżulta b'mod ċar ħafna li l-vettura misjuqa mill-imputat Owen Abdilla dakinhar ta' l-inċident kienet il-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215, kif del resto

[35] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Ġunju 2022, fol. 133 tal-proċess.
[36] Fol. 102 tal-proċess.
[37] Dok. "GF8" a fol. 92 sa' 101 tal-proċess.

dikjarat mill-istess familja Abdilla meta rrikorrew l-Għassa biex jagħmlu rapport[38], u l-vettura f'dan in-numru ta' Reġistrazzjoni hija Toyota Corsa u mhux Toyota Tercel.

Fid-dawl ta' dawn il-fatti l-Qorti għandha ssib lill-imputat Owen Abdilla ħati ta' l-imputazzjoni numru 2 dedotta fil-konfront tiegħu, ossia talli saq il-vettura ta' l-għamla Toyota Corsa bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan, kif ukoll ta' l-imputazzjoni numru 3 dedotta fil-konfront tiegħu, ossia talli ukoll saq il-vettura ta' l-għamla Toyota Corsa bin-Numru ta' Reġistrazzjoni JBH-215 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni, u dana billi la ma kienx liċenzjat biex isuq ċertament ma setgħax ikun kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni fir-rigward ta' sewqan ta' vettura.

Fir-rigward ta' din l-aħħar osservazzjoni l-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Gatt, Appell Nru. 265/2014** deċiża fit-18 ta' Jannar 2016: *illi minkejja li l-polza ta' assikurazzjoni tkopri biss lill-persuna li ċertament mhix l-appellant* [is-sewwieq fil-proċeduri in kwistjoni], *l-istess appellant jargumenta li kien debitament assikurat u jagħmel dan għal żewġ raġunijet. L-ewwel argument tiegħu hu li l-policy schedule fil-paġna 19, jiġifieri dik sfilzata minn din il-Qorti, tipprovdi dwar dan. Bid-dovut rigward, il-paragrafu ċitat mill-appellant ma jgħidx, wisq anqas, jipprovdi dak pretiż mill-appellant iżda jghid biss illi f'każ li l-assikurazzjoni tkun kostretta tagħmel tajjeb għall-eventwalitajiet hemm imsemmija skond il-liġi, ikollha dritt li tirkupra dak il-ħlas mingħand il-persuna li minħabba fiha ikun sar il-ħlas. L-appellant imbagħad, in sostenn tat-tieni raġuni fl-aggravju tiegħu, jagħmel referenza għal sentenzi ta' din il-Qorti Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (App Krim 3.11.2005) u Il-Pulizija vs Mirko Giannetti (App Krim 22.1.2014). B'dan, l-appellant irid issaħħah l-argument tiegħu illi la darba l-assikurazzjoni hi dejjem marbuta tagħmel tajjeb għal dejn ċivili favur terzi skond il-liġi, allura s-sewwieq ta' vettura huwa dejjem assikurat. Issa, traċċjat l-insenjament tal-Qrati tul iż-żmienijiet, jidher illi sas-sena 2005, l-Qrati tagħna dejjem fehemu dak li fis-semplicità tiegħu jipprovdi l-artikolu 3 tal-Kap 104, jiġifieri li ħadd ma jista' jsuq vettura bil-mutur jekk ma jkunx debitament assikurat biex jagħmel dan. Dik is-sentenza iżda tippernja fuq id-doveri tal-kumpaniji tal-assikurazzjoni u bid-dovut rigward, l-obbligi u l-kundizzjonijiet li l-kumpaniji tal-assikurazzjoni jassumu mal-Awtoritajiet kompriż ir-Regolatur, sabiex tinħarġilhom u jżommu fis-seħħ il-liċenzji tagħhom bħala assikurazzjoni kompriż l-obbligi tagħhom li jieħu sehem f'pool bħala insurers concerned ma jistgħax jitqies li jeżonera lil kull sewwieq mill-obbligi tiegħu taħt il-Kapitolu 104. Tant hu hekk illi, għad li s-sentenza fl-ismijiet Scuderi kien font ta' referenza ghal diversi kawżi anke jekk mhix dejjem segwita, l-Qorti tal-Appell kellha ripensament u fis-sentenza tagħha Il-Pulizija vs Andre Apap tal-4 ta' Frar, 2011 rriteniet illi ma taqbilx mad-distinzjonijiet li saru minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenzi tagħha Il-Pulizija vs Angelo Scuderi (3.11.2005), Il-Pulizija vs Stefan Apap (26.4.2007) u Il-Pulizija vs Charles Galea (7.5.2007) u ohrajn "dwar meta tiskatta l-preżunzjoni prevista fis-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104. Is-subartikolu 3(1A) tal-Kap 104 huwa ċar u inekwivoku fil-portata tiegħu..". Din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex għandha tagħti xi interpretazzjoni diversa ghal-artikolu 3(1) u 3(1A) tal-Kapitolu 104 u għalhekk tqis illi l-appellant ma kienx debitament assikurat.*

**Piena:**

[38] Vide fol. 99 tal-proċess.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat Owen Abdilla qed jinstab ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li huwa għandu fedina penali netta[39]. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fit-tielet imputazzjoni dedotta kontrih u dana billi l-istess fatt, riżultanti mill-istess u unika intenzjoni kriminali, ta lok għall-ksur ta' diversi dispożizzjonijiet tal-liġi, ossia l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1)(2)(a) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta. F'tali rigward ma hemmx diversi reati distinti minn xulxin iżda biss reat wieħed, bir-reati minuri assorbiti fir-reat aktar gravi[40].

**Decide:**

Għaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni dwar ir-reita ta' l-imputati Owen Abdilla u Paul Abdilla għall-feriti ta' natura ħafifa sofferti minn Noel Fabri fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, u dana in vista tar-rinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli da parte ta' l-istess Noel Fabri, u filwaqt ukoll li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-addebitu tar-reċidiva ai termini ta' l-Artikolu 49 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' Paul Abdilla, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(1)(2)(a)(2A) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Owen Abdilla ħati ta' l-imputazzjonijiet numru tnejn u tlieta dedotti fil-konfront tiegħu waħdu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

Ai termini ta' l-Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-imputat Owen Abdilla milli jkollu jew jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien tnax-il (12) xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew maħtura l-ebda Esperti u/jew Periti, il-Qorti tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u in vista tar-rinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli da parte ta' Noel Fabri, tastjeni milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 15A, 382A, 383, 384, 385, 386, 412D, 532A u 532B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[39] Fol. 5 tal-proċess.
[40] Il-Pulizija v. Jonathan Mizzi, Appell 214/2004, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2005.